# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

### ILLUM, it-Tnejn, 31 ta' Lulju, 2017

**Kawża Numru 1 (Kost.)**

**Rik. Nru. 66/16JRM**

Christian **BORĠ**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI** u l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-5 ta' Lulju, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li din il-Qorti (i) issib li huwa ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu li jkollu smigħ xieraq u wkoll dak li ma jitqiesx ħati ta' reat għal xi għemil li ma jkunx jikkostitwixxi reat fil-waqt li jkun seħħ u dan kif imħarsin taħt l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-

Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u dan minħabba l-fatt li tħassritlu l-liċenzja tiegħu li jħaddem servizz ta' kiri ta' karozzi minħabba li, bla ma kien jaf, fil-liċenza proviżorja tiegħu tas-sewqan bdew jiżdiedu l-punti ta' kull darba li vetturi mikrijin mill-ażjenda mmexxija minu kienu jwettqu kontravenzjonijiet bi ksur tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur[1], minkejja li l-vetturi jkunu nsaqu minn ħaddieħor li lilhom ikun kera l-istess vetturi; u (ii) tagħti dawk id-direttivi kollha li jidhrilha xierqa u meħtieġa sabiex jitħarsu l-imsemmija jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsin kemm mill-Kostituzzjoni u kif ukoll mill-Konvenzjoni. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Lulju, 2016, li bih qiegħdet il-kawża għas-smigħ tas-26 ta' Lulju, 2016;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorita' intimata fl-14 ta' Lulju, 2016, li biha laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qalet li mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi u jmissha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju billi ma kenitx hi li ħarġet ir-Regolamenti li minnhom jilminta r-rikorrent, imma kien il-Ministru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni (illum il-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura) li għamel u daħħal fis-seħħ l-istess Regolamenti; li lanqas l-intimat l-ieħor l-Avukat Ġenerali ma huwa l-kontradittur leġittimu tal-azzjoni tar-rikorrent billi l-azzjoni messha saret kontra l-Ministru u għalhekk imissu huwa wkoll jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju u l-azzjoni titwarrab sommarjament bi spejjeż għar-rikorrent. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li r-rikorrent ma ġarrab ksur tal-ebda jedd kif imħares bl-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni jew tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fit-22 ta' Lulju, 2016, li biha laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qal li huwa mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni tar-rikorrent u jmissu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għaliex l-azzjoni messha saret kontra l-Ministru konċernat u mhux kontrih għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u li t-teħid ta' liċenzja ma jaqax taħt waħda mill-mansjonijiet tal-istess intimat, u lanqas ma kien hu li ħareġ ir-Regolamenti li minnhom jilminta r-rikorrent; li l-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha kostituzzjonali li tisma' l-kawża għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, ladarba r-rikorrent għandu rimedji ordinarji oħrajn li jista' u qiegħed jinqeda bihom biex jingħata rimedju. Fil-mertu, laqa' billi qal li t-talbiet tar-rikorrent mhumiex

[1] L.S. 65.18

mistħoqqa għaliex is-sanzjonijiet amministrattivi li ttieħdu fil-konfront tiegħu ma kinux jammontaw għal piena deterrenti jew punittiva u lanqas jikkostitwixxu ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Dan jingħad minbarra l-fatt li r-Regolamenti jagħtu jedd sħiħ biex persuna tikkontesta l-kontravenzjonijiet u l-fatt li r-rikorrent aċċettahom bla ma ikkontestahom ma jagħtihx raġun biex issa jressaq azzjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali b'ħaġa li ġab b'idejh huwa nnifsu. Il-liġijiet u r-Regolamenti fis-seħħ ma jħallu l-ebda dubju fl-iskop u fl-eżekuzzjoni tal-penali amministrattivi li huma immirati li jilħqu;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Lulju, 2016[2], li bih ordnat li qabel kull ħaġ'oħra ssir it-trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' kull wieħed miż-żewġ intimati dwar jekk humiex il-kontradittturi leġittimi tal-azzjoni attriċi u dwar jekk din il-Qorti jmisshiex tagħżel li twettaq is-setgħat tagħha biex tisma' din il-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Ġunju, 2016, li bih awtorizzat lir-rikorrent iressaq ix-xhieda tiegħu bil-mezz tal-affidavit;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fit-13 ta' Settembru, 2016[3], dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari tiegħu;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Awtorita' intimata fid-19 ta' Settembru, 2016[4], dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tagħha;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fit-23 ta' Settembru, 2016[5], bi tweġiba għas-sottomissjonijiet tal-intimati;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Ottubru, 2016, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

[2] Paġ. 27 tal-proċess
[3] Paġġ. 29 sa 36 tal-proċess
[4] Paġġ. 37 – 8 tal-proċess
[5] Paġġ. 39 sa 43 tal-proċess

Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrent jilminta li ġarrab ksur tal-jeddijiet tiegħu li jingħata smigħ xieraq u wkoll li ma jitqiesx ħati ta' reat li, meta twettaq ma jkunx jikkostitwixxi reat, kif imħarsin kemm fil-Kostituzzjoni u kif ukoll fil-Konvenzjoni. Huwa jgħid li, bħala sid liċenzjat li jmexxi negozju ta' kiri ta' karozzi, kellu l-liċenza tiegħu mħassra minħabba li fuq il-liċenza tas-sewqan tiegħu nġemgħu għadd ta' punti minħabba kontravenzjonijiet imwettqin minn ħaddieħor li jkun kera karozzi mingħandu u li, minħabba r-Regolamenti fis-seħħ, jitgħabba bir-responsabbilta' tagħhom hu;

Illi għal din l-azzjoni, l-Awtorita' intimata laqgħet billi, b'mod preliminari, qalet li mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi u jmissha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju billi ma kenitx hi li ħarġet ir-Regolamenti li minnhom jilminta r-rikorrent, imma kien il-Ministru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni (illum il-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura) li għamel u daħħal fis-seħħ l-istess Regolamenti; li lanqas l-intimat l-ieħor l-Avukat Ġenerali ma huwa l-kontradittur leġittimu tal-azzjoni tar-rikorrent billi l-azzjoni messha saret kontra l-Ministru u għalhekk imissu huwa wkoll jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju u l-azzjoni titwarrab sommarjament bi spejjeż għar-rikorrent. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li r-rikorrent ma ġarrab ksur tal-ebda jedd kif imħares bl-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni jew tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat Avukat Ġenerali laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qal li huwa mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni tar-rikorrent u jmissu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għaliex l-azzjoni messha saret kontra l-Ministru konċernat u mhux kontrih għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u li t-teħid ta' liċenzja ma jaqax taħt waħda mill-mansjonijiet tal-istess intimat, u lanqas ma kien hu li ħareġ ir-Regolamenti li minnhom jilminta r-rikorrent; li l-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha kostituzzjonali li tisma' l-kawża għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, ladarba r-rikorrent għandu rimedji ordinarji oħrajn li jista' u qiegħed jinqeda bihom biex jingħata rimedju. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari ta' kull wieħed mill-intimati;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> u safejn rilevanti għas-sentenza tallum, jirriżulta li r-rikorrent kien liċenzjat biex imexxi servizz ta' kiri ta' vetturi, taħt is-setgħat tar-Regolamenti tal-2010 dwar is-Servizzi ta' Kiri

ta' Vetturi[6]. L-imsemmi negozju jgħodd fih għexieren ta' vetturi liċenzjati fuq ismu mal-Awtorita' intimata;

Illi huwa ngħata l-liċenzja tas-sewqan malli għalaq it-tmintax-il (18) sena bil-kundizzjoni li, fi żmien tliet snin mill-għoti tagħha, ma jeħilx aktar minn tnax-il (12) punt ta' penali;

Illi sena wara li kiseb il-liċenza tas-sewqan, talab u kiseb il-permessi biex jibda jħaddem in-negozju tiegħu tal-kiri tal-karozzi fl-2012;

Illi bit-tħaddim tar-Regolamenti fis-seħħ, kull kontravenzjoni li saret minn sewwieqa li krew vetturi mingħandu kien jitgħabba biha hu. Sa nofs is-sena 2013, fuq isem ir-rikorrent kienu twaħħlu mas-sebgħin (70) punti penali, minkejja li ma kien involut fl-ebda kontravenzjoni personalment;

Illi fl-2013, l-Awtorita' intimata bagħtet tgħarraf lir-rikorrent li kienet ser tirtiralu l-liċenza tiegħu tas-sewqan minħabba li kiser il-kundizzjoni li taħtha ingħatatlu, dwar l-għadd ta' punti penali, u li kellu jerġa' joqgħod għall-eżami tas-sewqan u l-ħruġ ta' liċenza ġdida tas-sewqan;

Illi r-rikorrent kiteb dwar dan lill-Awtorita' intimata;

Illi b'ittra uffiċjali mibgħuta lilu f'Lulju tal-2014[7], l-Awtorita' intimata warrbet it-talba li kien għamlilha dwar it-tħassir tal-liċenza tiegħu tas-sewqan;

Illi fit-28 ta' Lulju tal-2014, ir-rikorrent nieda proċeduri kontra l-Awtorita' intimata quddiem ta' Reviżjoni Amministrattiva biex jattakka d-deċiżjoni meħuda minnha kontrih fit-23 ta' Lulju, 2014;

Illi fil-5 ta' Lulju, 2016, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

Illi b'sentenza preliminari tas-27 ta' Settembru, 2016, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva sab li r-rikorrent kien ressaq it-talba tiegħu wara li kien għalaqlu ż-żmien;

Illi l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-eċċezzjonijiet taħt eżami jirreferu għal aspetti proċedurali. Il-Qorti sejra tqis l-ewwel l-eċċezzjoni li **l-intimati mhumiex il-kontradittturi leġittimi tal-azzjoni tar-rikorrent** għaliex jekk tilqagħha ma jkunx hemm għalfejn tqis aktar it-tieni eċċezzjoni tal-intimat Avukat Ġenerali;

[6] A.L. 88 tal-2010 (L.S. 499.58)
[7] Dok "CB3", f'paġ. 10 tal-proċess

Illi l-Awtorita' intimata tgħid li mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni tar-rikorrent għaliex ma kinitx hi li fasslet u nediet ir-Regolamenti li bit-tħaddim tagħhom huwa jgħid li ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu, imma li kien il-Ministru inkarigat minn dak id-dikasteru li kellu jkun imħarrek minflokha. Min-naħa tiegħu, l-intimat Avukat Ġenerali jgħid li, bil-liġi[8], jekk azzjoni tista' ssir kontra xi awtorita' pubblika, l-Avukat Ġenerali ma jkunx il-leġittimu kontradittur ta' azzjoni bħal dik. Kulma titlob il-liġi hu li l-Avukat Ġenerali jkun notifikat bl-atti tal-kawża li tkun;

Illi, min-naħa tiegħu, ir-rikorrent jisħaq li ż-żewġ intimati tħarrku sewwa u jmisshom iwieġbu għall-ilmenti tiegħu. Huwa jirreferi għal ġurisprudenza tal-Qrati Maltin li titkellem dwar min ikun il-kontradittur leġittimu ta' azzjoni dwar allegat ksur ta' jedd fundamentali u jtenni li dan iwassal biex iż-żewġ intimati jmisshom jibqgħu fil-kawża biex iwieġbu huma għall-ilmenti tiegħu;

Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta' rimedju li jista' jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejalta' u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntraditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xiħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti[9]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;

Illi jekk wieħed iqis kif inhuma mfassla t-talbiet tar-rikorrent f'din il-kawża, wieħed isib li, bi tħaddim ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, għall-ilmenti tiegħu ma jweġibx l-intimat Avukat Ġenerali. Fir-rigward tiegħu ma ntweriex li l-intimat Avukat Ġenerali b'xi mod iddaħħal jew indaħal fl-għoti ta' xi pariri għat-tfassil tar-Regolamenti li dwar it-tħaddim tagħhom jilminta r-rikorrent jew

---

[8] Art. 181B tal-Kap 12

[9] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et***

għat-teħid mill-Awtorita' intimata tad-deċiżjoni li tħassar il-liċenza tas-sewqan tiegħu. Lanqas ma huwa mistenni, għall-kuntrarju ta' dak li jissottometti r-rikorrent, li l-intimat Avukat Ġenerali jista' jintrabat li jagħti lir-rikorrenti xi rimedju minnu mitlub f'każ li l-Qorti ssib li xi wieħed mill-ilmenti tiegħu huwa mistħoqq;

Illi, min-naħa l-oħra, ma jistax jingħad l-istess ħaġa dwar l-Awtorita' intimata. Dejjem fid-dawl tal-mod kif ir-rikorrent fassal l-azzjoni tiegħu, intwera li l-Awtorita' intimata kellha sehem attiv u mtenni fil-ġrajja li seħħew fir-rigward tar-rikorrent u li għalihom tirreferi l-azzjoni tal-lum, u li dak is-sehem twettaq fil-kwalita' tagħha ta' awtorita' pubblika li tirrappreżenta l-fergħa amministrattiva tal-Istat Malti fejn jidħol il-qasam tal-liċenzi tas-sewqan. Il-Qorti ma ssib l-ebda siwi fl-eċċezzjoni tal-istess awtorita' intimata li tgħid li hija ma għandha l-ebda leġittimazzjoni passiva f'din il-kawża ladarba ma kinitx hi (imma l-Ministru konċernat) li ħarġet bid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti li dwar it-tħaddim tagħhom jilminta r-rikorrent;

Illi r-rikorrent innifsu, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, jagħmilha ċara li l-azzjoni tiegħu mhijiex immirata għat-tħassir tar-Regolamenti msemmija, imma biex tqis li t-tħaddim tagħhom – u b'mod partikolari s-sanzjonijiet li jgħabbuh bihom bħala detentur ta' liċenza ta' sewqan – jikkostitwixxu l-ksur ta' jeddijiet fundamentali tiegħu u li ta' dan imissha u għandha twieġeb l-Awtorita' intimata;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni mqajma mill-intimat Avukat Ġenerali hija mistħoqqa u sejra tilqagħha (u għalhekk ukoll sejra tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Awtorita' intimata, billi tgħid l-istess ħaġa); filwaqt li safejn l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita' intimata mhijiex mistħoqqa u mhix sejra tilqagħha;

Illi fid-dawl ta' dan, ma huwiex meħtieġ li l-Qorti tistħarreġ ukoll it-**tieni eċċezzjoni** preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali, ladarba issa sejjer jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju u ladarba l-Awtorita' intimata, lejalment, ma qajmitx hija wkoll eċċezzjoni bħal dik. Il-Qorti tgħid biss li wkoll min-natura tal-azzjoni tar-rikorrent, joħroġ ċar li din il-Qorti jmissha twettaq is-setgħat tagħha li tisma' u tistħarreġ l-ilmenti tar-rikorrent f'ċirkostanzi bħal dawn, għaliex ma jidhirx li l-ebda Qorti jew Tribunal ieħor jista' tabilħaqq jitratta l-kwestjoni jew jagħti lir-rikorrent rimedju f'każ li joħroġ li l-ilment tiegħu huwa msejjes u fondat;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita' intimata** billi mhijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u ssib li l-istess Awtorita' hija l-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimat Avukat Ġenerali u t-**tieni eċċezzjoni preliminari** tal-Awtorita' intimata u ssib li l-intimat Avukat Ġenerali mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, u b'hekk teħilsu milli joqgħod aktar fil-kawża, bi spejjeż għar-rikorrent;

**Tastjeni milli tqis it-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-intimat Avukat Ġenerali; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jissokta kontra l-Awtorita' intimata fil-mertu.

L-**ispejjeż** marbuta mal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita' intimata tbatihom l-istess Awtorita'.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**31 ta' Lulju, 2017**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**31 ta' Lulju, 2017**